Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 277 I

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 64

2 ta' Awwissu 2021

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1275 tat-30 ta' Lulju 2021 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu** 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1276 tat-30 ta' Lulju 2021 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/1716 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa** 12

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1277 tat-30 ta' Lulju 2021 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu** 16

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1278 tat-30 ta' Lulju 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa** 24

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/1275

tat-30 ta' Lulju 2021

dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1277 tat-30 ta' Lulju 2021 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentanta Għolja tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277, li tistabbilixxi qafas għal miżuri restrittivi mmirati biex jindirizzaw is-sitwazzjoni fil-Libanu. Il-kuntest politiku u r-raġunijiet ta' politika għall-istabbiliment tal-miżuri restrittivi huma msemmija fil-premessi ta' dik id-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tipprevedi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta', u l-projbizzjoni li fondi u riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal, persuni fiżiċi responsabbli għall-kriżi finanzjarja, ekonomika, soċjali u politika gravi fil-Libanu u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi assoċjati magħhom. Il-persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi huma elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277.

(2) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, notevolment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tiegħu mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, jeħtieġ azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tagħhom.

(3) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, id-dritt għad-difiża u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawk id-drittijiet.

(4) Jenħtieġ li l-proċedura għall-emendar tal-lista stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament tkun tinkludi l-għoti tar-raġunijiet għall-elenkar lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, lill-entitajiet jew il-korpi indikati, sabiex ikollhom l-opportunità jippreżentaw l-osservazzjonijiet.

([1]) Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(5) Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex tiġi ggarantita ċertezza ġuridika massima fl-Unjoni, jenħtieġ li l-ismijiet u *data* rilevanti oħra rigward persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom ikunu ffriżati f'konformità ma' dan ir-Regolament isiru pubbliċi. Jenħtieġ li kull ipproċessar ta' *data* personali jkun jikkonforma mar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([2]) u (UE) 2018/1725 ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri li jieħdu skont dan ir-Regolament u dwar informazzjoni rilevanti oħra li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom b'rabta ma' dan ir-Regolament.

(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Jenħtieġ li dawn il-penalitajiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "pretensjoni" tfisser kwalunkwe pretensjoni, kemm jekk iddikjarata bi proċedimenti legali kif ukoll jekk le, li ssir qabel jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta magħhom, u b'mod partikolari:

(i) pretensjoni għall-adempiment ta' kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta magħhom;

(ii) pretensjoni għall-estensjoni jew pagament ta' bond, garanzija finanzjarja jew indennizz fi kwalunkwe forma;

(iii) pretensjoni għal kumpens fir-rigward ta' kuntratt jew tranżazzjoni;

(iv) kontropretensjoni;

(v) pretensjoni għar-rikonoxximent jew għall-eżekuzzjoni, inkluż permezz tal-proċedura ta' *exequatur,* ta' sentenza, ta' deċiżjoni arbitrali jew ta' deċiżjoni ekwivalenti, irrispettivament minn fejn tkun saret jew ingħatat;

(b) "kuntratt jew tranżazzjoni" tfisser kwalunkwe tranżazzjoni ta' liema forma hi u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, sew jekk tikkonsisti f'kuntratt wieħed jew aktar jew obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew differenti; għal dak l-iskop, "kuntratt" tinkludi bond, garanzija jew indennità, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennità finanzjarja, u kreditu, kemm jekk legalment indipendenti kif ukoll jekk le, kif ukoll kull dispożizzjoni relatata li taqa' taħt it-tranżazzjoni jew b'konnessjoni magħha;

(c) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif identifikati fuq is-siti web elenkati fl-Anness II;

(d) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull tip, kemm jekk tanġibbli kif ukoll jekk intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;

(e) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni tal-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi b'kull mod, inklużi, iżda mhux limitat għall-bejgħ, il-kiri jew l-ipotekar tagħhom;

(f) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe ċaqliq, trasferiment, alterazzjoni, użu, aċċess, jew trattar ta' fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta f'kull bidla fil-volum, fl-ammont, fil-post, fis-sjieda, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew fi bdil ieħor li jippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż ġestjoni ta' portafolli;

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(g) “fondi” tfisser assi u benefiċċji finanzjarji ta’ kull xorta, li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, money orders u strumenti oħra ta’ pagament;

(ii) depożiti ma’ istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, djun u obbligi ta’ dejn;

(iii) titoli u strumenti ta’ dejn innegozjati pubblikament u privatament, inklużi stokks u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, noti, warrants, obbligazzjonijiet u kuntratti ta’ derivattivi;

(iv) imgħax, dividendi jew introjtu ieħor minn assi jew il-valur provenjenti jew iġġenerat minnhom;

(v) kreditu, dritt ta’ tpaċija, garanziji, garanziji ta’ adempiment jew impenji finanzjarji oħrajn;

(vi) ittri ta’ kreditu, poloz ta’ kargu, poloz ta’ bejgħ;

(vii) dokumenti li jagħtu prova ta’ xi interess f’fondi jew f’riżorsi finanzjarji;

(h) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I, jew li huma l-proprjetà, jew fil-pussess jew fil-kontroll tagħha għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha ssir disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. L-Anness I għandu jinkludi l-ismijiet, kif identifikati mill-Kunsill skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277, ta’:

(a) persuni fiżiċi responsabbli għall-imminar tad-demokrazija jew tal-istat tad-dritt fil-Libanu permezz ta’ xi waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(i) jostakolaw jew jimminaw il-proċess politiku demokratiku billi jfixklu b’mod persistenti l-formazzjoni ta’ gvern jew billi jostakolaw jew jimminaw serjament it-twettiq ta’ elezzjonijiet;

(ii) jostakolaw jew jimminaw l-implimentazzjoni ta’ pjanijiet approvati minn awtoritajiet Libaniżi u appoġġati mill-atturi internazzjonali rilevanti, inkluża l-Unjoni, biex itejbu r-responsabbiltà u l-governanza tajba fis-settur pubbliku jew biex jimplimentaw riformi ekonomiċi kritiċi, inkluż fis-setturi bankarji u finanzjarji u inkluż dwar l-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni trasparenti u non-diskriminatorja dwar l-esportazzjoni tal-kapital;

(iii) imġiba finanzjarja ħażina serja fir-rigward ta’ fondi pubbliċi, sa fejn l-atti kkonċernati jaqgħu taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, u l-esportazzjoni mhux awtorizzata tal-kapital;

(b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati ma’ persuni deżinjati taħt il-punt (a).

Artikolu 3

1. B’deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont dawk il-kondizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, u tal-membri dipendenti tal-familji ta’ dawn il-persuni fiżiċi, inklużi ħlasijiet għall-ikel, għall-kera jew għall-ipotekar, għall-mediċini u għat-trattament mediku, għat-taxxi, għall-primjums tal-assigurazzjoni, u għall-ispejjeż tas-servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta’ tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba assoċjati mal-provvista ta’ servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) neċessarji għal spejjeż straordinarji, sakemm l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, għall-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(e) se jitħallsu f'kont, jew jinħarġu minn kont, ta' missjoni diplomatika jew konsulari, jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari, jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li tingħata disponibbiltà għal ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-forniment ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huwa neċessarju għal skopijiet umanitarji, bħall-għoti jew il-faċilitazzjoni tal-għoti ta' assistenza, inklużi provvisti mediċinali, ikel jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet mil-Libanu.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 5

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 2 ġew elenkati fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu se jintużaw esklużivament biex jiġu ssodisfati pretensjonijiet iggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; kif ukoll

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx imur kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 6

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1) u bil-kondizzjoni li jkun dovut pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I skont kuntratt jew ftehim li jkun ġie konkluż minn, jew skont obbligu li rriżulta għall-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernat qabel id-data ta' meta dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp iddaħħlu fl-Anness I, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont il-kondizzjonijiet li jqisu li jkunu adattati, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu se jintużaw għal pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; kif ukoll

(b) il-pagament ma jkunx bi ksur tal-Artikolu 2(2);

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 7

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux iwaqqaf milli jiġu kkreditati kontijiet iffriżati minn istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu li jirċievu fondi ttrasferiti minn terzi fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, dejjem jekk kull żieda f'dawn il-kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti b'kull tranżazzjoni ta' dan it-tip, mingħajr dewmien.

2. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet;

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fl-Artikolu 2 jkunu ġew inklużi fl-Anness I; jew

(c) pagamenti dovuti skont deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija fi Stat Membru jew eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat,

dment li kull tali mgħax, dħul u pagament ieħor jibqa' soġġett għall-miżuri previsti fl-Artikolu 2(1).

Artikolu 8

1. Bla preġudizzju għar-regoli applikabbli li jikkonċernaw ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

(a) ifornu minnufih kull informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħall-informazzjoni dwar il-kontijiet u l-ammonti ffriżati skont l-Artikolu 2(1), lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membr fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, u jittrażmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz tal-Istat Membru, lill-Kummissjoni; kif ukoll

(b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti f'kull verifika tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a).

2. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni tirċievi direttament għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

3. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ingħatat jew ġiet riċevuta.

Artikolu 9

Il-parteċipazzjoni, konsapevolment u intenzjonalment, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artikoli 2 u 8 għandha tkun ipprojbita.

Artikolu 10

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tingħata disponibbiltà għal fondi jew riżorsi ekonomiċi, imwettqa *bona fide* abbażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandhom joħolqu ebda tip ta' responsabbiltà fir-rigward tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawhom, jew tad-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

2. L-azzjonijiet ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma għandhom joħolqu ebda tip ta' responsabbiltà fuqhom jekk ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom ikunu jiksru l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 11

1. Ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni, li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament, inkluż pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, partikolarment pretensjoni għal estensjoni jew għall-ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk din issir minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness;

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz ta' waħda mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (a) jew f'isimhom.

2. F'kull proċediment għall-eżekuzzjoni ta' pretensjoni, l-oneru tal-prova li l-issodisfar tal-pretensjoni mhuwiex ipprojbit mill-paragrafu 1 għandu jkun fuq il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed jitolbu l-eżekuzzjoni ta' dik il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa bla preġudizzju għad-dritt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, tal-entitajiet u tal-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tan-nonadempiment ta' obbligi kuntrattwali f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-miżuri li jkunu ħadu skont dan ir-Regolament u jikkondividu kull informazzjoni relevanti oħra li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom marbuta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni dwar:

(a) il-fondi ffriżati skont l-Artikolu 2 u l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 3, 4, 5 u 6;

(b) il-problemi ta' ksur u eżekuzzjoni u s-sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni b'kull informazzjoni rilevanti oħra għad-dispożizzjoni tagħhom li tista' taffettwa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 13

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 2, għandu jemenda l-Anness I kif xieraq.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li jipprovdi lil tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp b'opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jitressqu osservazzjonijiet, jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernati skont il-każ.

4. Il-lista fl-Anness I għandha tiġi rieżaminata f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar.

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi tat-tagħrif mogħti mill-Istati Membri.

Artikolu 14

1. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, tal-entitajiet jew tal-korpi kkonċernati.

2. L-Anness I għandu jinkludi, meta tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi: ismijiet u psewdonimi; id-data u l-post tat-twelid; in-nazzjonalità; in-numri tal-passaport u tal-karti tal-identità; il-ġeneru; l-indirizz, jekk magħruf; u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, din l-informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tal-attività professjonali.

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha li jkunu meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dawn ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kull emenda sussegwenti.

Artikolu 16

1. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandhom jipproċessaw id-data personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament. Dawn il-kompiti jinkludu:

(a) fir-rigward tal-Kunsill, it-tħejjija u l-emendar tal-Anness I;

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, it-tħejjija ta' emendi għall-Anness I;

(c) fir-rigward tal-Kummissjoni:

  (i) l-inklużjoni tal-kontenut tal-Anness I fil-lista kkonsolidata, elettronika, tal-persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni u fil-mappa interattiva dwar is-sanzjonijiet, li jkunu t-tnejn disponibbli għall-pubbliku;

  (ii) l-ipproċessar ta' informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri ta' dan ir-Regolament, bħall-valur tal-fondi ffriżati u informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, data rilevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi elenkati, ma' kundanni kriminali ta' tali persuni jew ma' miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lit-tali persuni, biss sa fejn tali pproċessar ikun meħtieġ għat-tħejjija tal-Anness I.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill, is-servizz tal-Kummissjoni elenkat fl-Anness II għal dan ir-regolament u r-Rappreżentant Għoli huma maħtura bħala "kontrolluri" skont it-tifsira tal-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725, sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fuq is-siti web elenkati fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-bidliet kollha fl-indirizzi tas-siti web tagħhom elenkati fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.

3. Fejn dan ir-Regolament jistipula rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata, jew li b'xi mod ieħor issir komunikazzjoni magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li jridu jintużaw għal tali komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fl-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew bastiment fil-ġuriżdizzjoni ta' xi Stat Membru;

(c) għal kull persuna fiżika fit-territorju jew barra mit-territorju tal-Unjoni li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp, fit-territorju jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li tkun inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kull kummerċ imwettaq, kollu kemm hu jew parti minnu, fl-Unjoni.

Artikolu 19

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN

ANNESS I

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2

[…]

ANNESS II

Siti web b'informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni

IL-BELĠJU

https://diplomatie.belgium.be/en/policy/policy_areas/peace_and_security/sanctions

IL-BULGARIJA

https://www.mfa.bg/en/101

IĊ-ĊEKJA

www.financnianalytickyurad.cz/mezinarodni-sankce.html

ID-DANIMARKA

http://um.dk/da/Udenrigspolitik/folkeretten/sanktioner/

IL-ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/DE/Themen/Aussenwirtschaft/aussenwirtschaftsrecht,did=404888.html

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519

IL-GREĊJA

http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html

SPANJA

http://www.exteriores.gob.es/Portal/en/PoliticaExteriorCooperacion/GlobalizacionOportunidadesRiesgos/Paginas/SancionesInternacionales.aspx

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/fr/autorites-sanctions/

IL-KROAZJA

http://www.mvep.hr/sankcije

L-ITALJA

https://www.esteri.it/mae/it/politica_estera/politica_europea/misure_deroghe

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/mfa/mfa2016.nsf/mfa35_en/mfa35_en?OpenDocument

IL-LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA

http://www.urm.lt/sanctions

IL-LUSSEMBURGU

https://maee.gouvernement.lu/fr/directions-du-ministere/affaires-europeennes/organisations-economiques-int/mesures-restrictives.html

L-UNGERIJA

https://kormany.hu/kulgazdasagi-es-kulugyminiszterium/ensz-eu-szankcios-tajekoztato

MALTA

https://foreignaffairs.gov.mt/en/Government/SMB/Pages/Sanctions-Monitoring-Board.aspx

L-OLANDA

https://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-sancties

L-AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA

https://www.gov.pl/web/dyplomacja

IL-PORTUGALL

http://www.portugal.gov.pt/pt/ministerios/mne/quero-saber-mais/sobre-o-ministerio/medidas-restritivas/medidas-restritivas.aspx

IR-RUMANIJA

http://www.mae.ro/node/1548

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/omejevalni_ukrepi

IS-SLOVAKKJA

https://www.mzv.sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu

IL-FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

L-IŻVEZJA

http://www.ud.se/sanktioner

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

European Commission
Directorate-General for Financial Stability, Financial Services and Capital Markets Union (DG FISMA)
Rue de Spa 2
B-1049 Brussels, Belgium
Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu

REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1276

tat-30 ta’ Lulju 2021

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/1716 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1716 tal-14 ta’ Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-14 ta’ Ottubru 2019, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/1716 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa.

(2) Fl-10 ta’ Ġunju 2021 ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (ir-’Rappreżentant Għoli’) ħareġ dikjarazzjoni f’isem l-Unjoni li fiha kkundanna l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tan-Nikaragwa kontra l-partiti tal-oppożizzjoni, il-media, il-ġurnalisti u l-ħaddiema l-oħra tal-media, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili, inkluż permezz tad-detenzjoni u l-arrest sistematiċi ta’ kandidati presidenzjali potenzjali u mexxejja tal-oppożizzjoni. Ir-Rappreżentant Għoli indika li l-Unjoni tinsab lesta li tuża l-istrumenti kollha fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa, inkluż l-impożizzjoni ta’ miżuri restrittivi addizzjonali.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi kontinwa fin-Nikaragwa, jenħtieġ li tmien persuni jinżiedu mal-lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1716.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1716 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1716 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta’ Lulju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN

([1]) ĠU L 262, 15.10.2019, p. 1.

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jinżiedu mal-lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1716:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“7.	Rosario María MURILLO ZAMBRANA Psewdonimu: Rosario María MURILLO DE ORTEGA	Pożizzjoni(jiet): Viċi President tar-Repubblika tan-Nikaragwa (mill-2017), mart il-President Daniel Ortega Data tat-twelid: 22 ta’ Ġunju 1951 Post tat-twelid: Managua, in-Nikaragwa Sess: mara Nazzjonalità: Nikaragwana Numru tal-passaport: A00000106 (in-Nikaragwa)	Viċi President tan-Nikaragwa, First Lady tan-Nikaragwa u mexxejja taż-Żgħażagħ Sandinisti. Skont il-President Daniel Ortega, Rosario María Murillo Zambrana tikkondividi nofs is-setgħa miegħu. Hija qdiet rwol strumentali biex tħeġġeġ u tiġġustifika r-repressjoni tad-dimostrazzjonijiet tal-opoożizzjoni mill-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa fl-2018. F’Ġunju 2021, hija heddet pubblikament lill-oppożizzjoni tan-Nikaragwa u skreditat lill-ġurnalisti indipendenti. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u għall-imminar tad-demokrazija fin-Nikaragwa.	2.8.2021
8.	Gustavo Eduardo PORRAS CORTÉS	Pożizzjoni(jiet): President tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tan-Nikaragwa (minn Jannar 2017) Data tat-twelid: 11 ta’ Ottubru 1954 Post tat-twelid: Managua, in-Nikaragwa Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana	President tal-Assemblea Nazzjonali tan-Nikaragwa minn Jannar 2017 u membru tad-direzzjoni nazzjonali tal-Front Nazzjonali għal-Liberazzjoni Sandinista (FSLN) mill-1996. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-President tal-Assemblea Nazzjonali tan-Nikaragwa, huwa responsabbli għall-promozzjoni tal-adozzjoni ta’ diversi atti legali repressivi, fosthom liġi dwar l-amnestija li tipprekludi kwalunkwe investigazzjoni tal-awturi ta’ ksur massiv tad-drittijiet tal-bniedem fl-2018, u liġijiet li jimminaw il-libertà u l-proċess demokratiku fin-Nikaragwa. Għalhekk huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, kif ukoll għall-imminar serju tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.	2.8.2021
9.	Juan Antonio VALLE VALLE	Pożizzjoni(jiet): Mexxej fil-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa Grad: Ġeneral/Kummissarju Għoli Data tat-twelid: 4 ta’ Mejju 1963 Post tat-twelid: Matagalpa, in-Nikaragwa Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana	Mexxej fil-grad ta’ kummissarju għoli (it-tieni l-għola grad) tal-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa (NNP) u f’pożizzjoni ta’ tmexxija fil-pulizija f’Managua, Juan Antonio Valle Valle huwa responsabbli għal atti ta’ brutalità ripetuta mill-pulizija u użu eċċessiv tal-forza li rriżultaw fl-imwiet ta’ mijiet ta’ ċittadini, għal arresti u detenzjonijiet arbitrarji, għal ksur tal-libertà tal-espressjoni u għall-prevenzjoni ta’ dimostrazzjonijiet kontra l-gvern. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fin-Nikaragwa.	2.8.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
10.	Ana Julia GUIDO OCHOA Psewdonimu: Ana Julia GUIDO DE ROMERO	Pożizzjoni(jiet): Avukat Ġenerali tar-Repubblika tan-Nikaragwa Data tat-twelid: 16 ta' Frar 1959 Post tat-twelid: Matagalpa, in-Nikaragwa Sess: mara Nazzjonalità: Nikaragwana	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Avukat Ġenerali, l-ogħla impjegat taċ-ċivil fl-Uffiċċju tal-Prosekutur, Ana Julia Guido Ochoa, li hija leali lejn ir-reġim ta' Ortega, hija responsabbli għall-prosekuzzjoni politikament motivata ta' bosta dimostranti u membri tal-oppożizzjoni politika. Hija ħolqot unità speċjalizzata li fasslet allegazzjonijiet kontra d-dimostranti u ressqet akkużi kontrihom. Barra minn hekk, hija responsabbli għall-iskwalifika mill-kariga pubblika tal-kandidat prinċipali tal-oppożizzjoni għall-elezzjonijiet ġenerali. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika u għall-imminar tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.	2.8.2021
11.	Fidel de Jesús DOMÍNGUEZ ÁLVAREZ	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-pulizija f'Leon, Kummissarju Ġenerali tal-Pulizija Nazzjonali Data tat-twelid: 21 ta' Marzu 1960 Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala kap tal-pulizija f'Leon mit-23 ta' Awwissu 2018, Fidel de Jesús Domínguez Alvarez huwa responsabbli għal għadd ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari arresti u detenzjonijiet arbitrarji, inkluż il-ħtif ta' membri tal-familja ta' avversarju politiku, l-użu eċċessiv tal-forza u l-ksur tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	2.8.2021
12.	Alba Luz RAMOS VANEGAS	Pożizzjoni(jiet): President tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tar-Repubblika tan-Nikaragwa Data tat-twelid: 3 ta' Ġunju 1949 Sess: mara Nazzjonalità: Nikaragwana Numru tal-passaport: A0009864 (in-Nikaragwa)	Fil-pożizzjoni tagħha bħala President tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tan-Nikaragwa, hija responsabbli għall-istrumentalizzazzjoni tal-ġudikatura favur l-interessi tar-reġim ta' Ortega, permezz tal-kriminalizzazzjoni selettiva tal-attivitajiet tal-oppożizzjoni, u b'hekk tipperpetwa x-xejra ta' ksur tad-drittijiet għal proċess ġust, arresti arbitrarji, u l-iskwalifika ta' partiti politiċi u kandidati tal-oppożizzjoni. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, u għall-imminar serju tal-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.	2.8.2021
13.	Juan Carlos ORTEGA MURILLO	Pożizzjoni(jiet): Direttur fil-Canal 8 u Difuso Comunicaciones. Mexxej tal-Moviment Sandinista tal-4 ta' Mejju, Iben il-President u Viċi President tar-Repubblika tan-Nikaragwa Data tat-twelid: 17 ta' Ottubru 1982 Nazzjonalità: Nikaragwana	Iben il-President Daniel Ortega u l-First Lady u l-Viċi President Rosario Murillo. Direttur ta' wieħed mill-istazzjonijiet televiżivi ewlenin ta' propaganda, Canal 8, u l-mexxej tal-Moviment Sandinista tal-4 ta' Mejju. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa kkontribwixxa għar-restrizzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media. Huwa hedded pubblikament lin-negozjanti tan-Nikaragwa li jopponu r-reġim ta' Ortega. Għalhekk huwa responsabbli għall-imminartad-demokrazija u r-ripressjoni tas-soċjetà ċivili fin-Nikaragwa. Minħabba li huwa iben il-Viċi President Rosario Murillo, huwa assoċjat ma' persuni responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-ripressjoni tas-soċjetà ċivili fin-Nikaragwa.	2.8.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
14.	Bayardo ARCE CASTAÑO	Pożizzjoni(jiet): Konsulent Ekonomiku għall-President tar-Repubblika tan-Nikaragwa Data tat-twelid: 21 ta' Marzu 1950 Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Konsulent Ekonomiku għall-President Daniel Ortega, Bayardo Arce Castano għandu influwenza sinifikanti fuq il-politiki tar-reġim ta' Ortega. Huwa għalhekk assoċjat ma' persuni responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa. Huwa appoġġa l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni li tipprevjeni lil kandidati tal-oppożizzjoni milli jieħdu sehem fl-elezzjonijiet. Għalhekk huwa responsabbli għal repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fin-Nikaragwa.	2.8.2021"

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1277

tat-30 ta' Lulju 2021

dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li fihom innota bi tħassib dejjem akbar li l-kriżi finanzjarja, ekonomika, soċjali u politika gravi li qamet fil-Libanu kompliet tmur għall-agħar matul ix-xhur preċedenti u li l-popolazzjoni Libaniża hija l-ewwel waħda li ssofri mid-diffikultajiet dejjem jiżdiedu tal-pajjiż.

(2) Il-Kunsill issottolinja l-ħtieġa urġenti li l-awtoritajiet Libaniżi jimplimentaw riformi sabiex terġa' tinbena l-fiduċja tal-komunità internazzjonali. Huwa ddikjara li l-Unjoni lesta tappoġġa r-riformi iżda huwa l-Libanu li għandu jkun is-sid tal-proċess ta' riforma. Il-Kunsill appella lill-awtoritajiet Libaniżi biex jimplimentaw l-impenji preċedenti tagħhom, inklużi dawk li saru fil-kuntest tal-konferenza tas-CEDRE f'April 2018, u li jgawdu l-appoġġ tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ (ISG, *International Support Group*) għal-Libanu (li jlaqqa' flimkien in-Nazzjonijiet Uniti u l-gvernijiet taċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, flimkien mal-Unjoni Ewropea u l-Lega Għarbija) u membri oħra tal-komunità internazzjonali (inkluż il-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali). Il-Kunsill appella wkoll lill-awtoritajiet Libaniżi biex iwettqu b'urġenza r-riformi li jibnu fuq il-ftehimiet milħuqa wara l-isplużjoni tal-4 ta' Awwissu 2020 mill-mexxejja politiċi kollha tal-Libanu biex inaqqsu d-differenzi b'appoġġ għar-riformi. Dawk ir-riformi jinvolvu b'mod partikolari riformi ekonomiċi u ta' governanza sinifikattivi u profondi biex jirrestawraw l-istabbiltà ekonomika, itejbu l-għoti ta' servizzi pubbliċi, jindirizzaw il-livell dejjem jogħla tal-faqar, inaqqsu l-inugwaljanzi, jagħmlu l-finanzi pubbliċi sostenibbli, jirrestawraw il-kredibbiltà fis-settur finanzjarju, jiggarantixxu l-indipendenza tal-ġudikatura, jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, jiġġieldu l-korruzzjoni u jilħqu l-aspirazzjonijiet leġittimi espressi paċifikament mill-poplu Libaniż. Il-Kunsill esprima wkoll l-appoġġ tiegħu għall-Qafas ta' Riforma, Rkupru u Rikostruzzjoni (3RF, *Reform, Recovery and Reconstruction Framework*) biex "jinbena mill-ġdid Libanu aħjar" iggwidat mill-prinċipji ta' trasparenza, inklużjoni u rfigħ tar-responsabbiltà.

(3) It-3RF, varat mill-Unjoni, min-NU u mill-Bank Dinji f'Diċembru 2020, huwa konġuntement ġestit mill-Gvern tal-Libanu. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Rkupru Finanzjarju ta' April 2020 kien ġie approvat mill-Kunsill tal-Ministri Libaniż u ntlaqa' tajjeb mill-komunità internazzjonali. Iżjed minn hekk, l-ISG, f'Dikjarazzjoni Konġunta tat-23 ta' Settembru 2020, laqa' tajjeb il-ftehim milħuq mill-mexxejja Libaniżi kollha dwar pjan direzzjonali komprensiv ta' riformi b'tabella kronoloġika ta' implimentazzjoni f'konformità mal-impenji preċedenti tagħhom, inklużi dawk magħmulin fil-kuntest tal-konferenza tas-CEDRE fl-2018, u li jgawdu l-appoġġ tal-ISG u ta' membri oħrajn tal-komunità internazzjonali.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill kompla jħeġġeġ lill-gvern proviżorju li ilu minn Awwissu 2020 biex jaġixxi malajr u b'mod deċiżiv fil-limiti kostituzzjonali tiegħu, iżda nnota li programm appoġġat bis-sħiħ mill-Parlament Libaniż li jinkludi impenji ta' riforma preċiżi, kredibbli u marbuta biż-żmien li jindirizzaw id-diffikultajiet tal-Libanu jista' jiġi implimentat b'mod sħiħ biss minn gvern funzjonali. Għaldaqstant appella lill-partijiet ikkonċernati u l-forzi politiċi Libaniżi kollha biex jappoġġaw il-formazzjoni urġenti fil-Libanu ta' gvern b'missjoni, kredibbli u li jerfa' r-responsabbiltà, li kapaċi jimplimenta r-riformi meħtieġa.

(5) Mis-7 ta' Diċembru 2020 'l hawn, il-Kunsill kemm-il darba esprima tħassib serju dwar is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora fil-Libanu. Minkejja appelli ripetuti mill-Unjoni u minn atturi internazzjonali rilevanti oħra lill-forzi politiċi u l-partijiet ikkonċernati Libaniżi biex jaġixxu fl-interess nazzjonali u biex ma jdewmux aktar il-formazzjoni ta' gvern kompletament awtorizzat li jkun kapaċi jissodisfa l-ħtiġijiet urġenti tal-pajjiż u jimplimenta riformi kritiċi, ma sar l-ebda progress fil-proċess ta' formazzjoni tal-gvern. Għaddew aktar minn ħdax-il xahar mir-riżenja tal-gvern preċedenti f'Awwissu 2020 u disa' xhur minn meta l-Parlament Libaniż ħatar Prim Ministru nominat ġdid f'Ottubru 2020 li rtira mill-kariga f'Lulju 2021.

(6) Sadanittant, is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u umanitarja fil-Libanu qed tkompli tiddeterjora u n-nies għadhom ibatu. Il-Bank Dinji rrapporta fil-*Lebanon Economic Monitor* tiegħu ta' Ġunju 2021 li l-Libanu għaddej minn dipressjoni ekonomika severa u mtawla, li x'aktarx tiġi kkunsidrata bħala waħda minn fost l-episodji l-iktar severi ta' kriżi fid-dinja minn nofs is-seklu dsatax. Il-Bank Dinji kkaratterizza l-kriżi bħala "dipressjoni intenzjonata" b'risposti ta' politika li mhumiex adegwati bħala riżultat ta' nuqqas ta' konsensus politiku dwar inizjattivi effettivi ta' politika. Il-Bank Dinji rrapporta li aktar minn nofs il-popolazzjoni x'aktarx tinsab taħt il-linja tal-faqar nazzjonali, ir-rata tal-qgħad qed tiżdied, u sehem dejjem akbar tal-unitajiet domestiċi qed jiffaċċa diffikultà biex jaċċessa servizzi bażiċi, inkluża l-kura tas-saħħa. Il-Bank Dinji rrimarka li id-deterjorament qawwi fis-servizzi bażiċi jkollu implikazzjonijiet fit-tul: il-migrazzjoni tal-massa, it-telf tat-tagħlim, sitwazzjonijiet riżultanti batuti tas-saħħa u n-nuqqas ta' miżuri adegwati ta' sikurezza għall-kontinġenzi, fost l-oħrajn. Bħala stima tiegħu, il-Bank Dinji qal li jkun diffiċli ħafna biex isir irkupru mill-ħsara permanenti lill-kapital uman u li, minħabba dan, il-kriżi tal-Libanu forsi hija unika meta mqabbla ma' kriżijiet globali oħra. Il-Bank Dinji jinnota wkoll li l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi dejjem aktar imwiegħra jirriskjaw nuqqasijiet nazzjonali sistemiċi, b'biżgħat dejjem jikbru ta' skattar potenzjali għal inkwiet soċjali u bl-ebda punt ta' bidla ċara fl-orizzont.

(7) Il-popolazzjoni Libaniża qed tpatti bil-kbir għan-nuqqas ta' azzjoni mill-mexxejja politiċi Libaniżi. Il-kriżi ekonomika, soċjali, umanitarja u politika attwali tikkostitwixxi theddida kbira għall-istabbiltà u s-sigurtà tal-Libanu, bil-possibbiltà ta' konsegwenzi għall-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun kollu.

(8) L-Unjoni tinsab lesta tuża l-istrumenti ta' politika kollha tagħha biex tikkontribwixxi għal rimedju sostenibbli mill-kriżi attwali u biex tirreaġixxi għal deterjorament ulterjuri tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u tas-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u umanitarja fil-Libanu. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li jiġi adottat qafas għal miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi responsabbli għall-imminar tad-demokrazija jew tal-istat tad-dritt fil-Libanu u kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.

(9) Tali miżuri restrittivi mmirati jkunu maħsuba biex jiksbu objettivi ta' politika estera u ta' sigurtà komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u jikkontribwixxu għall-azzjoni tal-Unjoni sabiex jiġu kkonsolidati u appoġġati d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21(2) TUE. L-applikazzjoni tagħhom trid tkun konsistenti mal-Artikolu 3(5) TUE, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll għar-rispett sħiħ u l-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, inkluż ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(10) Huma theddida għad-demokrazija u l-istat tad-dritt dawk il-persuni li jostakolaw jew jimminaw il-proċess politiku demokratiku billi jfixklu b'mod persistenti l-formazzjoni ta' gvern jew billi jostakolaw jew jimminaw serjament it-twettiq ta' elezzjonijiet, inkluż b'mod partikolari l-elezzjoni ġenerali li ġejja fil-Libanu, skedata għal Mejju 2022. Dawk il-persuni jippromwovu l-interessi personali tagħhom, kemm jekk huma l-interessi personali tagħhom jew l-interessi partikolari tal-komunità jew tal-grupp politiku tagħhom, għad-detriment tal-interess pubbliku Libaniż, b'mod partikolari billi jippruvaw jużaw ħażin ir-regoli li jirregolaw l-assoċjazzjoni tal-forzi politiċi għall-formazzjoni ta' gvern, sabiex jimblukkaw il-formazzjoni ta' gvern ġdid u jżommu l-*istatus quo*. Atti li jheddu d-demokrazija u l-istat tad-dritt jistgħu jinkludu t-tfixkil jew l-imminar tal-elezzjonijiet.

(11) Huma wkoll theddida għad-demokrazija u l-istat tad-dritt persuni li jostakolaw l-implimentazzjoni ta' pjanijiet appoġġati mill-atturi internazzjonali rilevanti biex itejbu r-responsabbiltà u l-governanza tajba fis-settur pubbliku jew l-implimentazzjoni ta' riformi ekonomiċi kritiċi, inkluż fis-setturi bankarji u finanzjarji. Dawn huma b'mod

partikolari r-riformi li l-awtoritajiet Libaniżi impenjaw ruħhom għalihom u li jgawdu l-appoġġ tal-Unjoni u tal-atturi internazzjonali rilevanti l-oħra. B'mod konsistenti kien hemm nuqqas milli jiġu implimentati dawn ir-riformi u milli jieħdu biżżejjed miżuri kredibbli biex jiġġieldu l-korruzzjoni u jiġġieldu l-evażjoni tat-taxxa, jadottaw liġi dwar il-kontroll tal-kapital, u milli jittieħdu miżuri oħra biex jiggarantixxu kemm it-trasparenza kif ukoll ir-responsabbiltà sħiħa lejn il-poplu Libaniż.

(12) Huma wkoll theddida għad-demokrazija u l-istat tad-dritt,persuni li jinvolvu ruħhom f'imġiba finanzjarja ħażina serja, inkluż il-korruzzjoni u l-esportazzjoni mhux awtorizzata tal-kapital. L-imġiba finanzjarja ħażina fi ħdan is-sistema politika u istituzzjonali hija kwistjoni sistemika fl-oriġini tal-kriżi ekonomika, soċjali, umanitarja u politika attwali. L-atturi involuti fl-imġiba finanzjarja ħażina, jew li jibbenefikaw personalment minnha, għandhom responsabbiltà kbira fis-sitwazzjoni soċjoekonomika u umanitarja mwiegħra li qed tiffaċċa l-popolazzjoni Libaniża.

(13) Il-Kunsill ifakkar li l-Libanu huwa Parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni tal-31 ta' Ottubru 2003 u li l-awtoritajiet Libaniżi wkoll assumew impenji fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni partikolarment fil-konferenza tas-CEDRE fl-2018, fil-Pjan ta' Rkupru Finanzjarju ta' April 2020 u fil-pjan direzzjonali komprensiv ta' riformi ta' Settembru 2020.

(14) Hi meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta':

(a) persuni fiżiċi responsabbli għall-imminar tad-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Libanu permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(i) jostakolaw jew jimminaw il-proċess politiku demokratiku billi jfixklu b'mod persistenti l-formazzjoni ta' gvern jew billi jostakolaw jew jimminaw serjament it-twettiq ta' elezzjonijiet;

(ii) ostakolaw jew jimminaw l-implimentazzjoni ta' pjanijiet approvati mill-awtoritajiet Libaniżi u appoġġati mill-atturi internazzjonali rilevanti, inkluża l-Unjoni, biex itejbu r-responsabbiltà u l-governanza tajba fis-settur pubbliku jew biex jimplimentaw riformi ekonomiċi kritiċi, inkluż fis-setturi bankarji u finanzjarji u inkluż dwar l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni trasparenti u non-diskriminatorja dwar l-esportazzjoni tal-kapital;

(iii) imġiba finanzjarja ħażina serja fir-rigward ta' fondi pubbliċi, sa fejn l-atti kkonċernati jaqgħu taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, u l-esportazzjoni mhux awtorizzata tal-kapital;

(b) persuni fiżiċi assoċjati ma' persuni deżinjati taħt il-punt (a);

kif elenkati fl-Anness.

Il-pjanijiet imsemmijin fil-punt (ii) tal-punt (a) huma l-pjanijiet ta' riforma ppreżentati fil-konferenza tas-CEDRE fl-2018, fil-Pjan ta' Rkupru Finanzjarju ta' April 2020, fil-pjan direzzjonali komprensiv ta' riformi ta' Settembru 2020 u fil-qafas ta' Riforma, Rkupru u Rikostruzzjoni (3RF) ta' Diċembru 2020.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru jirrifjuta d-dħul fit-territorju tiegħu taċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut b'obbligu tad-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti ta' organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti ta' konferenza internazzjonali mlaqqa' min-Nazzjonijiet Uniti, jew taħt il-patroċinju tagħhom;

(c) taħt ftehim multilaterali li jagħti privileġġi u immunitajiet; jew

(d) skont it-Trattat ta' Konċiljazzjoni (il-Patt tal-Lateran) tal-1929 konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun il-pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jiġi debitament infurmat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafu 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' bżonn umanitarju urġenti, jew għal raġunijiet ta' attendenza għal laqgħat intergovernattivi jew laqgħat promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament l-objettivi ta' politika ta' miżuri restrittivi, fosthom il-promozzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Libanu.

7. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti skont il-paragrafu 1 fejn id-dħul jew it-tranżitu jkun neċessarju għall-fini ta' proċess ġudizzjarju.

8. Stat Membru li jixtieq jagħti eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 6 jew 7 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat sakemm Stat Membru wieħed jew aktar ma joġġezzjonawx bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol mir-riċezzjoni tan-notifika dwar l-eżenzjoni proposta. Jekk Stat Membru wieħed jew aktar iqajmu oġġezzjoni, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

9. Fejn, skont il-paragrafi 3, 4, 6 jew 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-tranżitu minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun strettament limitata għall-iskop li għalih tkun ingħatat u għall-persuni direttament ikkonċernati minnha.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, li huma l-proprjetà ta', jew li huma miżmuma jew ikkontrollati minn:

(a) persuni fiżiċi responsabbli għall-imminar tad-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Libanu permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

 (i) ostakolaw jew jimminaw il-proċess politiku demokratiku billi jfixklu b'mod persistenti l-formazzjoni ta' gvern jew billi jostakolaw jew jimminaw serjament it-twettiq ta' elezzjonijiet;

 (ii) jostakolaw jew jimminaw l-implimentazzjoni ta' pjanijiet approvati mill-awtoritajiet Libaniżi u appoġġati mill-atturi internazzjonali rilevanti, inkluża l-Unjoni, biex itejbu r-responsabbiltà u l-governanza tajba fis-settur pubbliku jew biex jimplimentaw riformi ekonomiċi kritiċi, inkluż fis-setturi bankarji u finanzjarji u inkluż dwar l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni trasparenti u non-diskriminatorja dwar l-esportazzjoni tal-kapital;

 (iii) imġiba finanzjarja ħażina serja fir-rigward ta' fondi pubbliċi, sa fejn l-atti kkonċernati jaqgħu taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, u l-esportazzjoni mhux awtorizzata tal-kapital;

(b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi assoċjati ma' persuni deżinjati taħt il-punt (a);

kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

Il-pjanijiet imsemmijin fil-punt (ii) tal-punt (a) huma l-pjanijiet ta' riforma ppreżentati fil-konferenza tas-CEDRE fl-2018, fil-Pjan ta' Rkupru Finanzjarju ta' April 2020, fil-pjan direzzjonali komprensiv ta' riformi ta' Settembru 2020 u fil-qafas ta' Riforma, Rkupru u Rikostruzzjoni (3RF) ta' Diċembru 2020.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom isiru disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li jsiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew r-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness u tal-membri dipendenti tal-familji ta' dawn il-persuni fiżiċi, inkluż ħlasijiet għall-prodotti tal-ikel, għall-kera jew għall-ipotekar, għall-mediċini u għat-trattament mediku, għat-taxxi, għall-primjums tal-assigurazzjoni, u għall-ispejjeż tas-servizzi pubbliċi;

(b mahsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli u għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti ta' servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) neċessarji għal spejjeż straordinarji, sakemm l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, minn tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(e) ser jitħallsu f'kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari, jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, jew jinħarġu minn tali kont, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsuba biex jintużaw għal finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari, jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li jsiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew elenkati fl-Anness, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklużivament biex jissodisfaw pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness milli jagħmlu ħlas dovut taħt kuntratt jew ftehim konkluż, jew obbligazzjoni maħluqa, qabel id-data li fiha tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikunu ġew elenkati fih, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun iddetermina li l-ħlas ma jiġix riċevut, direttament jew indirettament, minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet;

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2; jew

(c) pagamenti dovuti taħt deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali li ngħataw fl-Unjoni jew li huma eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat;

dment li kwalunkwe tali imgħax, dħul u pagament ieħor jibqa' soġġett għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-provvista ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi hija neċessarja għal skopijiet umanitarji, bħall-għoti jew il-faċilitazzjoni tal-għoti ta' assistenza, inkluż provvisti mediċinali, ikel jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet mil-Libanu.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 4

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), għandu jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, inkluż ir-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li jipprovdi lil dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp b'opportunità li jippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat skont il-każ.

Artikolu 5

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

2. L-Anness għandu jinkludi, meta tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi: ismijiet u psewdonimi; id-data u l-post tat-twelid; in-nazzjonalità; in-numri tal-passaport u tal-karti ta' identità; il-ġeneru; l-indirizz, jekk magħruf; u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi: ismijiet; il-post u d-data ta' reġistrazzjoni; in-numru tar-reġistrazzjoni; u l-post tan-negozju.

Artikolu 6

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli għandhom jipproċessaw data personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom taħt din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

(a) fir-rigward tal-Kunsill, għat-tħejjija u l-emendar tal-Anness;

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, għat-tħejjija ta' emendi għall-Anness.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, data rilevanti relattiva għal reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi elenkati, u għal kundanni penali jew miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lil tali persuni, biss sa fejn tali proċessar ikun meħtieġ għat-tħejjija tal-Anness.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma nominati bħala "kontrollur" fis-sens tal-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom taħt ir-Regolament (UE) 2018/1725

Artikolu 7

Ma għandha tiġi sodisfatta ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew għall-ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kull forma, jekk il-pretensjoni ssir minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi deżinjati elenkati fl-Anness;

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz ta', jew f'isem, waħda mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (a).

Artikolu 8

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk previsti f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Lulju 2022 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

Meta jirrieżamina miżuri restrittivi meħudin taħt l-Artikoli 1(1)(a)(iii) u 2(1)(a)(iii), il-Kunsill għandu jqis kif xieraq jekk il-persuni inkwistjoni humiex soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji jew le fir-rigward tal-imġiba li għaliha kienu ġew elenkati.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

G. DOVŽAN

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ANNESS

Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikoli 1 u 2

[…]

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1278

tat-30 ta' Lulju 2021

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 ([1]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa.

(2) Fl-10 ta' Ġunju 2021, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-'Rappreżentant Għoli') ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li fiha kkundanna l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tan-Nikaragwa kontra l-partiti tal-oppożizzjoni, il-media, il-ġurnalisti u l-ħaddiema l-oħra tal-media, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili, inkluż permezz tad-detenzjoni u l-arrest sistematiċi ta' kandidati presidenzjali potenzjali u mexxejja tal-oppożizzjoni. Ir-Rappreżentant Għoli indika li l-Unjoni tinsab lesta li tuża l-istrumenti kollha fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa, inkluż l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi addizzjonali.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi kontinwa fin-Nikaragwa, jenħtieġ li tmien persuni jinżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa (ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58).

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"7.	Rosario María MURILLO ZAMBRANA Psewdonimu: Rosario María MURILLO DE ORTEGA	Pożizzjoni(jiet): Viċi President tar-Repubblika tan-Nikaragwa (mill-2017), mart il-President Daniel Ortega Data tat-twelid: 22 ta' Ġunju 1951 Post tat-twelid: Managua, in-Nikaragwa Sess: mara Nazzjonalità: Nikaragwana Numru tal-passaport: A00000106 (in-Nikaragwa)	Viċi President tan-Nikaragwa, First Lady tan-Nikaragwa u mexxejja taż-Żgħażagħ Sandinisti. Skont il-President Daniel Ortega, Rosario María Murillo Zambrana tikkondividi nofs is-setgħa miegħu. Hija qdiet rwol strumentali biex tħeġġeġ u tiġġustifika r-repressjoni tad-dimostrazzjonijiet tal-opoożizzjoni mill-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa fl-2018. F'Ġunju 2021, hija heddet pubblikament lill-oppożizzjoni tan-Nikaragwa u skreditat lill-ġurnalisti indipendenti. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u għall-imminar tad-demokrazija fin-Nikaragwa.	2.8.2021
8.	Gustavo Eduardo PORRAS CORTÉS	Pożizzjoni(jiet): President tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tan-Nikaragwa (minn Jannar 2017) Data tat-twelid: 11 ta' Ottubru 1954 Post tat-twelid: Managua, in-Nikaragwa Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana	President tal-Assemblea Nazzjonali tan-Nikaragwa minn Jannar 2017 u membru tad-direzzjoni nazzjonali tal-Front Nazzjonali għal-Liberazzjoni Sandinista (FSLN) mill-1996. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-President tal-Assemblea Nazzjonali tan-Nikaragwa, huwa responsabbli għall-promozzjoni tal-adozzjoni ta' diversi atti legali repressivi, fosthom liġi dwar l-amnestija li tipprekludi kwalunkwe investigazzjoni tal-awturi ta' ksur massiv tad-drittijiet tal-bniedem fl-2018, u liġijiet li jimminaw il-libertà u l-proċess demokratiku fin-Nikaragwa. Għalhekk huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, kif ukoll għall-imminar serju tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.	2.8.2021
9.	Juan Antonio VALLE VALLE	Pożizzjoni(jiet): Mexxej fil-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa Grad: Ġeneral/Kummissarju Għoli Data tat-twelid: 4 ta' Mejju 1963 Post tat-twelid: Matagalpa, in-Nikaragwa Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana	Mexxej fil-grad ta' kummissarju għoli (it-tieni l-għola grad) tal-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa (NNP) u f'pożizzjoni ta' tmexxija fil-pulizija f'Managua, Juan Antonio Valle Valle huwa responsabbli għal atti ta' brutalità ripetuta mill-pulizija u użu eċċessiv tal-forza li rriżultaw fl-imwiet ta' mijiet ta' ċittadini, għal arresti u detenzjonijiet arbitrarji, għal ksur tal-libertà tal-espressjoni u għall-prevenzjoni ta' dimostrazzjonijiet kontra l-gvern. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fin-Nikaragwa.	2.8.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
10.	Ana Julia GUIDO OCHOA Psewdonimu: Ana Julia GUIDO DE ROMERO	Pożizzjoni(jiet): Avukat Ġenerali tar-Repubblika tan-Nikaragwa Data tat-twelid: 16 ta' Frar 1959 Post tat-twelid: Matagalpa, in-Nikaragwa Sess: mara Nazzjonalità: Nikaragwana	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Avukat Ġenerali, l-ogħla impjegat taċ-ċivil fl-Uffiċċju tal-Prosekutur, Ana Julia Guido Ochoa, li hija leali lejn ir-reġim ta' Ortega, hija responsabbli għall-prosekuzzjoni politikament motivata ta' bosta dimostranti u membri tal-oppożizzjoni politika. Hija ħolqot unità speċjalizzata li fasslet allegazzjonijiet kontra d-dimostranti u ressqet akkużi kontrihom. Barra minn hekk, hija responsabbli għall-iskwalifika mill-kariga pubblika tal-kandidat prinċipali tal-oppożizzjoni għall-elezzjonijiet ġenerali. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika u għall-imminar tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.	2.8.2021
11.	Fidel de Jesús DOMÍNGUEZ ÁLVAREZ	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-pulizija f'Leon, Kummissarju Ġenerali tal-Pulizija Nazzjonali Data tat-twelid: 21 ta' Marzu 1960 Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala kap tal-pulizija f'Leon mit-23 ta' Awwissu 2018, Fidel de Jesús Domínguez Alvarez huwa responsabbli għal għadd ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari arresti u detenzjonijiet arbitrarji, inkluż il-ħtif ta' membri tal-familja ta' avversarju politiku, l-użu eċċessiv tal-forza u l-ksur tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	2.8.2021
12.	Alba Luz RAMOS VANEGAS	Pożizzjoni(jiet): President tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tar-Repubblika tan-Nikaragwa Data tat-twelid: 3 ta' Ġunju 1949 Sess: mara Nazzjonalità: Nikaragwana Numru tal-passaport: A0009864 (in-Nikaragwa)	Fil-pożizzjoni tagħha bħala President tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tan-Nikaragwa, hija responsabbli għall-istrumentalizzazzjoni tal-ġudikatura favur l-interessi tar-reġim ta' Ortega, permezz tal-kriminalizzazzjoni selettiva tal-attivitajiet tal-oppożizzjoni, u b'hekk tipperpetwa x-xejra ta' ksur tad-drittijiet għal proċess ġust, arresti arbitrarji, u l-iskwalifika ta' partiti politiċi u kandidati tal-oppożizzjoni. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, u għall-imminar serju tal-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.	2.8.2021
13.	Juan Carlos ORTEGA MURILLO	Pożizzjoni(jiet): Direttur fil-Canal 8 u Difuso Comunicaciones. Mexxej tal-Moviment Sandinista tal-4 ta' Mejju, Iben il-President u Viċi President tar-Repubblika tan-Nikaragwa Data tat-twelid: 17 ta' Ottubru 1982 Nazzjonalità: Nikaragwana	Iben il-President Daniel Ortega u l-First Lady u l-Viċi President Rosario Murillo. Direttur ta' wieħed mill-istazzjonijiet televiżivi ewlenin ta' propaganda, Canal 8, u l-mexxej tal-Moviment Sandinista tal-4 ta' Mejju. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa kkontribwixxa għar-restrizzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media. Huwa hedded pubblikament lin-negozjanti tan-Nikaragwa li jopponu r-reġim ta' Ortega. Għalhekk huwa responsabbli għall-imminartad-demokrazija u r-ripressjoni tas-soċjetà ċivili fin-Nikaragwa. Minħabba li huwa iben il-Viċi President Rosario Murillo, huwa assoċjat ma' persuni responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-ripressjoni tas-soċjetà ċivili fin-Nikaragwa.	2.8.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
14.	Bayardo ARCE CASTAÑO	Pożizzjoni(jiet): Konsulent Ekonomiku għall-President tar-Repubblika tan-Nikaragwa Data tat-twelid: 21 ta' Marzu 1950 Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Konsulent Ekonomiku għall-President Daniel Ortega, Bayardo Arce Castano għandu influwenza sinifikanti fuq il-politiki tar-reġim ta' Ortega. Huwa għalhekk assoċjat ma' persuni responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa. Huwa appoġġa l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni li tipprevjeni lil kandidati tal-oppożizzjoni milli jieħdu sehem fl-elezzjonijiet. Għalhekk huwa responsabbli għal repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fin-Nikaragwa.	2.8.2021"

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT